

Rikors ippreżentat fit-12 ta' Diċembru 2012 — Wedi vs UASI — Mehlhose Bauelemente für Dachrand + Fassade (BALCO)

(Kawża T-541/12)

(2013/C 46/37)

Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Wedi GmbH (Emsdetten, il-Ġermanja) (rappreżentant: O. Bischof, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Mehlhose Bauelemente für Dachrand + Fassade GmbH & Co. KG (Herford, il-Ġermanja)

Talbiet

— tannulla d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) tal-25 ta' Settembru 2012 fil-Każ R 2255/2011-4;

— sussidjarjament, tissospendi l-proċedimenti fil-Każ R 2255/2011-4 sal-għoti ta' deċiżjoni definittiva dwar it-talba tar-rikorrenti tal-15 ta' Novembru 2012 għal dikjarazzjoni ta' invalidità tat-Trade mark Komunitarja Nru 006095889 Balkogrün, irreġistrata quddiem l-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) bin-numru 000007267 C, li tappartjeni lill-parti l-oħra;

— tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Applikanti għat-trade mark Komunitarja: ir-rikorrenti

Trade mark Komunitarja kkonċernata: it-trade mark verbali "BALKO" għal prodotti fil-klassi 19 — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru 9 023 771

Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjali invokat insostenn tal-oppożizzjoni: Mehlhose Bauelemente für Dachrand + Fassade GmbH & Co. KG

Trade mark jew sinjal invokat: it-trade marks verbali "Balkogrün", "Balkoplan" u "Balkotop" għal prodotti fil-klassijiet 19, 21 u 27

Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni: oppożizzjoni milqugħa

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: appell miċħud

Motivi invokati: ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009

Rikors ippreżentat fit-18 ta' Diċembru 2012 — Teva Pharma BV u Teva Pharmaceuticals Europe vs L-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini

(Kawża T-547/12)

(2013/C 46/38)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Teva Pharma BV (Utrecht, il-Pajjiżi l-Baxxi) u Teva Pharmaceuticals Europe BV (Utrecht) (rappreżentanti: K. Bacon u D. Piccinin, barristers; G. Morgan u C. Drew, solicitors)

Konvenuta: L-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini

Talbiet

Ir-rikorrenti jitolbu li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini, li tinsab fl-ittra tagħha tas-26 ta' Novembru 2012, li tirrifjuta li tivvalida t-talba tar-rikorrenti għal awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq tal-verżjoni ġenerika tagħhom tal-"abacavir/lamivudine"; u

— tikkundanna lill-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini għall-ispejjeż sostnuti mir-rikorrenti.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw motiv wieħed, ibbażat fuq il-fatt li r-rifjut li tiġi vvalidata t-talba tagħhom għal awtorizzazzjoni ta' verżjoni ġenerika ta' prodott mediċinali ta' kombinazzjoni fissa, għaliex il-prodott mediċinali kien protett b'perijodu ta' esklużività ta' għaxar snin, imur kontra r-Regolament (KE) Nru 726/2004⁽¹⁾, u kontra d-Direttiva 2001/83/KE⁽²⁾, skont kif għandhom jiġu interpretati. Ir-rikorrenti jsostnu, b'mod partikolari, li t-titolari tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq tal-prodott mediċinali inkwistjoni ma jistax jibbenefika minn perijodu ta' esklużività tad-data ta' għaxar snin, għaliex l-imsemmi prodott mediċinali huwa prodott mediċinali ta' kombinazzjoni fissa li jħallat żewġ sostanzi attivi li ġew ipprovduti u użati fi ħdan l-UE bħala komponenti ta' numru ta' prodotti mediċinali differenti, u dan għal numru ta' snin. Għaldaqstant, ir-rikorrenti jsostnu li l-prodott mediċinali jaqa' taħt l-istess awtorizzazzjoni ta' tqegħid